32004D0080

24.1.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 17/23

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-17 ta' Diċembru 2003
## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Amministrazzjoni Speċjali tar-Reġjun ta' Hong Kong fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar l-ammissjoni mill-ġdid ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni

(2004/80/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 63(3)(b), flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-Kummissjoni innegozjat f'isem il-Komunità Ewropea Ftehim mal-Gvern ta' l-Amministrazzjoni Speċjali tar-Reġjun ta' Hong Kong fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar l-ammissjoni mill-ġdid ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni.

(2) Dan il-Ftehim kien iffirmat, f'isem il-Komunità Ewropea, fis-27 ta' Novembru 2002 suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data iżjed 'il quddiem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002.

(3) Dan il-Ftehim għandu jkun approvat.

(4) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt li jista' jieħu deċiżjonijiet li jkollhom effett legali, u huwa għalhekk neċessarju li jkun speċifikat min jirrappreżenta lill-Komunità f'dan il-Kumitat u li tkun provvduta proċedura li tistabilixxi kif il-pożizzjoni tal-Komunità għandha tkun adottata.

(5) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea, l-Istati Membri nvoluti nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jkollhom parti fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tiħux parti fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk m'hiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Amministrazzjoni Speċjali tar-Reġjun ta' Hong Kong fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar l-ammissjoni mill-ġdid ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika provvduta minn l-Artikolu 20(2) ta' dan il-Ftehim ([*]).

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, megħjuna minn esperti mill-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Komunità Ewropea fil-Kumitat ta' esperti stabbilit minn l-Artikolu 17 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Il-pożizzjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kumitat ta' esperti dwar l-adozzjoni tar-regoli tal-proċedura tiegħu kif mitlub minn l-Artikolu 17(5) tal-Ftehim għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' kumitat speċjali nominat mill-Kunsill.

([1]) Opinjoni mogħtija fid-19 ta' Settembru 2002 (għad mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([*]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Għad-deċiżjonijiet l-oħra kollha tal-Kumitat ta' esperti, il-pożizzjoni tal-Komunità Ewropea għandha tkun adottata mill-Kunsill, li jaġixxi fuq maġġoranza kwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

Id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skond it-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. ALEMANNO